# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 12/2017

30 t'Ottubru 2017

`

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

12.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

12.2.1 Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

12.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi s-Sur Hickey (ref punt 11.2.6) ma jridx illi t-tabella teħel mal-faċċata tiegħu u qiegħed jistaqsi lill-Kunsill jekk hux lest illi flok tabella jagħmel bollards. Huwa qiegħed juri x-xewqa illi jsiru 2 bollards mal-bieb fil-faċċata, oħra taħt il-gallarija u oħra fil-kantuniera tad-dar li hemm fi Sqaq San Frangisk kantuniera ma Triq San Pawl. Il-Viċi-Sindku ppropona illi flok dan kollu forsi għandna nagħmlu linja ta' gwida bil-cat eyes. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkonsultaw din il-problema ma Transport Malta sabiex naraw x'għandu jsir bl-aħjar mod.

12.2.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-iSTOP sign għal Triq San Gwann ġiet ordnata u illi l-isleeping police fi Triq L-iskola kienet ġiet approvata.

12.2.4 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla saqsa fuq l-isqaq ta' Santa Marija, pero' d-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser tiġi diskussa taħt korrispondenza u l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-problema tal-parking fi Sqaq San Mikiel kienet tranġat u sar ftehim bejniethom.

12.2.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet fuq l-ilma li qiegħed jidħol fix-xelters. Is-Sindku qal illi kienet ittieħdet sample tal-ilma minn tas-sanita'. Dan is-sample rriżulta illi huwa dranaġġ, u issa wara li jitbattal għandu jsir it-test bil-kulur.

12.3. Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku qal illi waqt l-interviews għall-ħatra tas-Segretarju Ezekuttiv, wieħed mill-applikanti kien fetaħ kas mal-Public Service Commission, u li minħabba dan il-ħatra għall-Segretarju Eżekuttiv kienet għadha pending. Is-Sindku qal illi issa konna rċivejna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali illi l-Public Service Commision ma kinitx sabet bażi fuq x'hiex imexxu u għaldaqstant il-Kunsill għandu jmexxi sabiex nikkonkludu l-proċess tal-ħatra. Is-Sindku għandu jgħarraf lill-Ministru bin-nomina tas-Segretarju Eżekuttiv.

12.3.2 Is-Sindku qal illi s-sena l-oħra konna żidna t-tiżjin fi Triq iż-Żurrieq u li l-ħsieb kien li nżidu l-armar sabiex nixegħlu t-triq kollha. Is-Sindku qal illi tkun sabiħa jekk triq iż-Żurrieq tkun mixgħulha kollha. Il-Kunsill qabel illi għandna nżidu t-tiżjin ta' Triq iż-Żurrieq.

12.3.3 Is-Sindku wera x-xewqa illi isir First Aid Course apparti l-course tal-AED fil-Kunsill ta' Ħal Safi sabiex ikun hawn aktar għarfien f'dan ir-rigward.

12.3.4 Is-Sindku qal illi kienet avviċinatu s-Sinjorina Janice Azzopardi ta' Sensara li uriet ix-xewqa li tagħmel użu mis-sala jew xi parti ohra mill-Kunsill sabiex isiru l-laqgħat tal-kumitat tal-NGO 'Fenominal Women' (għaqda rreġistrata Ħal Safi sabiex tgħin lil nisa li jkunu f'ċertu problemi). Il-Kunsill qabel illi għandna nħallu din l-għaqda tuża s-sala bħal kull għaqda oħra tar-raħal, senza interess għal ġid ta' dawn in-nisa vulnerabbli.

12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa rigward e-Mail ref 509/17/1 mingħand is-Sur Decelis. Is-Sindku qal illi kienet e-mail rigward appuntament għal laqgħa bejn il-Kurja u l-Uffiċċju tal-Onorevoli Anthony Agius Decelis fuq in-night shelters wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Julia Farrugia.

12.4.2 Is-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet fuq l-inizjattiva sabiex isir ir-reciklar għall-istrina. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi kienet inizjattiva tal-Green Mt sabiex jinġabru l-kartun vojt tal-ħalib u l-juice u li l-Green Mt jkunu qiegħdin jagħtu donazzjoni għall-istrina. Id-Deputat Segretarju kkonfermat illi l-Kunsill ta' Ħal Safi kien qiegħed jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

12.4.3 Il-Viċi-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur għaliex l-iskip li hemm fi Triq San Gorg imkissra u sakemm joħroġha l-kuntrattur qiegħed jilħaq jaqa' nofs l-iskip.

12.4.4 Il-Viċi Sindku qal illi Triq il-Ħajt Ruman għandha tinkines għaliex wara l-ewwel xita dejjem jiskula l-materjal fit-triq.

12.4.5 Il-Viċi Sindku saqsa wkoll rigward l-inspections ta' Misraħ Ħlantun. Is-Sindku kkonferma illi x-xogħolijiet fuq dawn l-inspections kienu lesti.

12.4.6 Is-Sinjorina l-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi kienu marru l-ħarġa ta' Binġemma li kienet suċċess. Hija saqsiet ukoll rigward it-tlett t'ijiem attivitajiet li kellna nagħmlu sabiex jinġabru donazzjonijiet għall-Malta Community Chest Fund. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kien hemm fuq din l-inizjattiva, kien ġie mgħarraf li minflok issa kienu ser isiru attivitajiet f'gurnata waħda l-Belt Valletta fejn kull Kunsill kellu allokat nofs siegħa sabiex itella' attivita'. Huwa spjega ukoll li għandna nirċievu aktar informazzjoni fuq din l-inizjattiva. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet jekk nistgħux nagħmlu show tal-karozzi jew roti fir-raħal abbinata ma din l-inizjattiva, u saqsiet ukoll nistgħux nagħmlu serata letterarja. Hija qalet ukoll illi l-mixja tal-President ser tkun nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru u bħal snin preċidenti ser norganizzaw it-trasport mill-pjazza tar-raħal.

12.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll li għandha l-ħsieb li torganizza trial walk Għar Lapsi u ħarġa għall-Birgu.

12.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Kunsill Lokali Żgħażagħ kien fadlilhom session oħra biss li kellha ssir fil-vaganzi ta' Novembru.

12.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser torganizza laqgħat mal-ġenituri u żgħażagħ. Il-laqgħat għandhom ikunu organizzati minn Agenzija Sedqa. Hija qalet ukoll li kienet ser torganizza talks fuq l-ikel u l-ħxejjex. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandna niġbru lista ta' persuni interessati li jattendu għal dawn il-laqgħat.

12.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala staqsa jekk hux possibli li, fejn għadna kemm għamilna l-parking, inti u nieżel minn fejn hemm il-bring-in-sites għandniex nagħmlu STOP sign. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta pero' ma kienx hemm qbil għaliex diġa' hemm STOP mal-art u issa kemm ilna li għamilna l-parking il-mera ġiet taqra eżatt allura min ikun ħiereġ mill-isqaq jkun jista' jaraha sew. Il-Kunsill qabel illi minflok għandna nagħmlu SLOW sign.

12.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala staqsa jekk hux possibli li l-area ta' Gawhar titnaddaf u forsi ngħollu ċ-ċint. Is-Sindku qal li l-akbar spiża hija sabiex ngħollu ċ-ċint. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi l-ewwel m'għandna nagħmlu hu li nnaddfu din l-area.

12.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk fil-Ġnien ta' Ball kienx għad fadal xi ġardinar jagħmel xi xogħolijiet. Is-Sindku kkonferma illi kien għad hemm xogħlijiet fin-naħa t'isfel tal-ġnien.

12.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-konkrit tar-roundabout fejn iċ-ċimiterju kien qed jinqala'.

12.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-kappillan kien gerger għaliex fuq in-naħa ta' wara taċ-ċimiterju, xi nies irresponsabbli reġgħu qiegħdin jitfgħu l-imbarazz. Il-Kunsillier staqsa jekk nistgħux aħna bħala Kunsill nwaħħlu xi tabelli sabiex ma jintefax żibel hemm, pero' l-Kunsill qabel li l-aħjar mod kif jiġi evitat iż-żibel huwa li jogħla ċ-ċint.

12.4.15 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla qal li hemm arblu fi Triq tal-Ajżar issa ġie fin-nofs u perikoluż u l-Kunsill qabel li għandna ninformaw lill-EneMalta sabiex dan jitneħħa.

12.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk nistgħux b'xi mod ngħidu lis-sidien tal-għalqa li hemm fi Triq ta' Rqajja sabiex dawn jagħlqu l-għalqa tagħhom sabiex ħadd ma jkun jista' jibqa'jitfa l-ħmieġ hemm.

12.5 Rapporti – approvazzjoni tat-Tielet Kwart tal-Financial Statements

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għaddiet kopja tat-Tielet Kwart tal-Financial Statements għall-approvazzjoni tal-Kunill. Hija spjegat illi s'issa konna qiegħdin nidhru b'surplus ta' 23,481 Euros. Hija spjegat ukoll illi issa anki jekk jirnexxielna nlestu u nħallsu l-bandli din is-sena ma konniex ser nispiċċaw b'defecit għaliex l-UIF Funds issa telgħu għal aktar minn 36,000 Euros u flimkien mad-donazzjoni li għandna mwiegħda mill-MIP xorta dawn mhux ser jaqbżu l-ammont tat-tender tal-bandli. Il-Kunsill approva t-Tielet Kwart tal-Financial Statements

12.6 Update – Tender tal-Bandli (Ġnien 13 t'April)

Is-Sindku qal illi issa t-tender tal-Bandli ġie ifinalizzat u li t-tender kien rebħu Projecte Ltd. Huwa spjega illi konna ltqajna mal-kuntrattur flimkien mal-perit tagħna sabiex nibdew niddiskutu biex inkunu nistgħu nibdew ix-xogħolijiet fuq dan il-bandli. Is-Sindku spjega kif il-kuntrattur kien qiegħed jissuġerixxi xi tibdiliet fil-proposal tal-bandli u li konna qiegħdin nikkomunikaw mal-Planning Authority sabiex inkunu nistgħu niffinalizzaw sabiex nieħdu l-UIF Funds.

12.8 Bulky Refuse tender

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa t-tender tal-Bulky Refuse kien ħareġ u li kien jagħlaq fl-14 ta' Novembru 2017. Spjegat illi fit-tender konna daħħalna ġurnata oħra meta jinġabar l-iskart ġoff, il-prezz irid ikun per household u li minn kull household jinġabru sa erba' oġġetti.

12.8 Għoti mill-ġdid ta' tarmak li toroq fir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali

Is-Sindku spjega illi l-perit tagħna kien tana l-parir illi nagħtu it-tarmak mill-ġdid lil Sqaq tal-Palma u mhux Sqaq il-Ħannuxa. Is-Sindku spjega illi konna tlabna għall-kwotazzjonijiet sabiex isir dan it-tarmac pero' s'issa kien bagħtilna biss kuntrattur wieħed. Il-prezz għat-tarmac għal dan l-isqaq tela' għal 13,387 Euros. Is-Sindku qal ukoll illi jekk nibqgħu ma nirċevux aktar kwotazzjonijiet, huwa jissuġġerixxi li mmexxu u nqabdu lil Polidano Brothers sabiex jagħti mill-ġdid dan it-tarmac.

12.9 Skema Twettiq ta' Proġetti utli għal Komunita'

Is-Sindku qal li kienet ħarġet skema fejn il-Kunsill jidentifika proġett u l-kuntrattur li jwettaq dan il-proġett jieħu sa' massimu ta' 120% tal-proġett f'refund ta' taxxa. Meta jitlesta l-proġett, dan jerġa jgħaddi għand il-Kunsill u l-Komunita' u l-kuntrattur ma jkollux jedd fuq dan il-proġett. Is-Sindku issiġġerixxa li għandna nagħmlu Gnien Dun Karm Vella għaliex diġa għandna l-pjanti u l-istima għalih. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa illi forsi nistgħu nagħmlu underground parking taħt Ġnien Dun Karm Vella u fuqu xorta nistgħu nagħmlu l-Ġnien. Il-Kunsill qabel illi għandna nkellmu l-perit sabiex inkunu nistgħu niżvolġu fuq din l-idea.

12.10 Website ġdida tal-Kunsill

Is-Sindku qal li kien ilu ħafna jaħseb sabiex il-Kunsill ikollu website apparti minn dik li jipprovdilna l-Gvern u li kien iltaqa' ma wieħed mid-diretturi tal-MCAST li qallu li din tista' ssir bħala parti minn proġett ta' wieħed mill-istudenti li jkun wasal fl-aħħar tal-course. Dan l-istudent jiddiżinjalna l-website u għalhekk aħna lilna tkun qed tiġina bla spiża ta' xejn, l-unika li noħorgu hu l-ispiża tar-rights tal-url. Il-Kunsill għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha li għandna ndaħħlu fil-website. Is-Sindku qal ukoll illi din il-website il-quddiem nistgħu anki nagħmluha interattiva' u l-pubbliku jkun anki jista' jitfa' ilmenti jew jitlob għal xi servizz permess tal-website. Il-Kunsill qabel.

12.11 Booklet tal-Heritage Trail Ġdid

Is-Sindku qal illi hekk kif inkunu għamilna ċertu xogħol għall-website fejn jidħol ġbir ta' nformazzjoni u ritratti għandna nagħmlu booklet ġdid li jkun l-aktar ibbażat fuq l-heritage tal-lokal ta' Ħal Safi. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet jekk għandnix diġa' f'moħħna min ser jagħmel dan ix-xogħol pero' s-Sindku qal illi għad irridu niġbru l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel fuq dan il-booklet.

12.12 Kiri tal-Klinika

Is-Sindku qal illi minn mindu ftaħna l-berġa kien wera x-xewqa illi l-berġa tibda tinkera filgħaxijiet lil nies li jagħtu servizz mediku. Is-Sindku qal ukoll illi kien tkellem ma xi ħadd li hu fuq dan ix-xogħol u anki wrih il-post sabiex jieħu idea kemm għandha tkun il-kirja. Fuq parir ta' din il-persuna, is-Sindku qal illi 7 Euros is-siegħa għandu jkun ħlas adekwat u raġenovoli. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandna nagħmlu xi forma ta' kuntratt sabiex ikollna bil-miktub kif ser nintrabtu. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13 Fuljett Diċembru 2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien reġa' wasal iż-żmien sabiex noħorġu l-fuljett. Hija talbet lis-Sindku u l-Kunsilliera sabiex mill-aktar fis possibli jibagħtulha l-messaġġi tagħhom u li kienet ħadet kwotazzjoni għal dan il-fuljett mingħand l-Union Print għaliex kienu qiegħdin ituna servizz tajjeb ħafna. Il-Prezz għal dan il-fuljett huwa ta' 880 Euros. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni

12.14 Korrispondenza

12.14.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien hemm offerta mingħand l-Awtorita Maltija tal-Komunikazjoni sabiex ikollna wi-fi għal librara u free wi-fi għal pubbliku. Il-Kunsill m'aprovax din l-offerta.

12.14.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi it-TCTC kienu bagħtu sabiex f'Jannar 2018 jkun hemm żewġ korsijiet għal anzjani, EM Citizen u EM Health. Hija qalet illi bħala korsijiet jidhru nteressanti ħafna pero' it-TCTC qiegħdin jitolbu l-ħlas ta' 750 Euros oħra u ma taħsibx illi l-Kunsill għandu jħallas kont ieħor meta diġa ħallas il-ħlas f'Awwissu li għadda. Hija qalet ukoll illi għad trid tara mas-Sur Ray Abela sabiex nilħqu ftehim qabel tikkonferma illi jistgħu isiru l-korsijiet fil-Kunsill tagħna.

12.14.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi diġa' konna ddiskutejna talba mingħand is-Sur Ignazio Schembri fejn kien qal illi l-ħadida li hemm fi Sqaq Santa Marija hija tqila wisq u li l-Kunsill kien approva sabiex issir waħda eħfef. Id-Deputat Segretarju spjegat illi issa kienet irċiviet petition sabiex titneħħa kompletament il-ħadida għaliex

qiegħda tkun ta' ostaklu għar-residenti tal-isqaq. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandha titneħħa din il-ħadida pero' għandna nagħmluha ċara illi l-isqaq ma jistax isir post fejn isir il-parking tal-karozzi u li t-tabella li hemm fl-isqaq li turi loading/unloading tibqa' fis-seħħ. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jsir infurzar aktar sabiex min ser jipparkja l-karozza fl-isqaq jibda jeħel ċitazzjoni.

12.14.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċevejna talba sabiex issir talba mingħand is-Sur Warren Muscat sabiex isiru cycling race u dualton race fi Frar tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva dawn it-tlielaq

12.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagament

Il-pagamenti ġew diskussa u approvati unanimament.

12.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8:50pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |